**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Seduta Nru :**

**Appell Nru: 139/2001**

**Il-Pulizija ( Spettur Mario Buttigieg )**

**Vs**

**IVAN VELLA**

**Illum, 3 ta'Ottubru, 2001.**

Il-Qorti :

Rat l-akkuzi dedotti kontra Ivan Vella talli fit-13 t'April, 1997, ghal habta tal-10.00 a.m., f'San Gwann T'Ghuxa, Bormla, waqt li kien qed isuq il-vettura numru K-6396 (**1**) b'nuqqas ta'hsieb, bi traskuragini u b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, habat ma' mutur numru P-8905 u nvolontarjament ikkagunalu hsarat ghad-dannu ta' Lawrence Caruana, u (**2**) fl-istess incident involontarjament ikkaguna offizi ta'natura gravi fuq il-persuna ta' l-istess Lawrence Caruana , skond kif iccertifikka Dr. A. Theuma M.D.

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali fit-3 ta'Lulju, 2001, li biha sabet lill-Ivan Vella hati ta'dawn l-akkuzi, ikkundannatu ghall-Mitt lira Maltin (Lm100) Multa, u skwalifikatu milli jkollu jew izomm licenzja tas-sewqan ghal tmin (8) tijiem mid-data tas-sentenza taghha.

Rat ir-rikors ta'appell ta'Ivan Vella datat 13 ta'Lulju, 2001, li bih talab li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata w tilliberah minn kull akkuza, htija w piena.

Rat l-aggravju ta' l-appellant.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Rat il-provi, id-dokumenti esebiti w l-atti processwali.

Semghet it-trattazzjoni taz-zewg nahat.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi bazikament dak li qed jilmenta minnu l-appellant hu li l-ewwel Qorti ma setghetx ragjonevolment tiddikjara w issib htija fih in bazi tal-provi li kellha quddiemha.

Din il-Qorti ghalhekk ezaminat il-provi sewwa biex tara jekk dan l-ilment ta' l-appellant hux fondat jew le. Ovvjament, dan ghamlitu fil-funzjoni taghha ta'Qorti ta'Revizjoni.

Illi jidher li kollox jiddependi fuq kwistjoni ta' responsabilita' fis-sewqan meta wiehed jigi biex jaghmel '*a right turn*' biex jidhol fi triq fuq il-lemin tieghu. L-appellant jghid li hu ried jaghmel din il-manuvra u ghalhekk kien xeghel l-indicator tieghu sabiex jindika dik il-manuvra li ried jaghmel. Gara, izda, li b'dana kollu, fil-mument li kien qed jikser ghal fuq il-lemin tieghu, gie mutur

minn warajh, misjuq minn Lawrence Caruana, ipprova jissorpassah, ukoll minn fuq il-lemin tieghu, u saret il-habta in kwistjoni.

Din il-Qorti tixtieq tirrileva hawnhekk, u dan irrespettivament mill-meritu ta' dan l-appell, li hija zbaljata sew l-idea ta'hafna sewwieqa li jidrilhom li bis-semplici fatt li jixghelu l-indicator dan jaghtihom xi dritt assolut li jaghmlu dak li qed jindikaw li bi hsiebhom jaghmlu. Dan is-sinjal jindika biss l-intenzjoni tas-sewwieq, cioe', li juri fi zmien adegwat minn qabel x'inhi l-manuvra li jrid jaghmel. Il-fatt li sewwieq jixghel l-indicator tieghu ma jfissirx li hu jista' jaqbad u jaghmel il-manuvra tieghu minghajr ma jiehu wkoll, u minn qabel, kull prekawzjoni mehtiega biex jara li ma jigiex kawzat xi incident. L-obbligu tal-*'proper lookout'*, tas-sewqan prudenti, jibqa' xorta wahda fuq kull sewwieq, irrespettivament jekk jixghelx l-indicator jew le. L-indicator ismu mieghu, juri jew jindika **biss** dak li bi hsiebu jaghmel is-sewwieq, u ma jaghtih ebda dritt li jaghmel xi manuvra minghajr ma wkoll jesplora dak kollu li qed jigri madwaru.

Issa fil-kaz prezenti, l-appellant kien fi triqtu w jghid li kien xeghel l-indicator tieghu biex juri li kien ser jaghmel 'a right turn', pero', ma hemmx il-prova ta' meta, jew f'liema hin jew kemm qabel ma ried idur kien effettivament xeghlu, jekk veru xeghlu. Izda, anke jekk, ghall-grazzja ta' l-argument, verament kien xeghel l-indicator, ma jirrizultax il-mument meta xeghlu. Sewqan prudenti jitlob li meta wiehed sejjer jaghmel manuvra bhal dik ta' l-appellant, hu ghandu jixghel l-indicator f'hin u distanza adegwata qabel il-punt fejn irid jaghmel ir-'right turn', jieqaf ezattament qabel ma jibda jdur u jesplora t-triq sewwa, minn kull naha w angolu, sabiex jara li ghandu 'a clear way' qabel ma jkompli bil-manuvra li jrid jaghmel. Hu biss wara li jara li ma hemm ebda traffiku iehor fil-vicinanzi tieghu li sewwieq prudenti ghandu jaghmel il-manuvra ta' 'a right hand turn', bhal dik li kien sejjer jaghmel l-appellant. Ovvjament, sewwieq f'tali cirkostanzi jibqa' obbligat wkoll li jara anke jekk hemmx xi traffiku gej warajh jew jekk hemmx xi traffiku li gja' beda jissorpassah fil-mument li hu jibda jaghmel il-manuvra tar-'right hand turn'.

Mill-provi ma jirrizultax jekk l-appellant kienx ha jew le dawn il-prekawzjonijiet kollha. Izda anke jekk hu kien hadhom, u anke jekk kien xeghel l-indicator f'hin u zmien adegwat, xorta jibqa' l-fatt li qabel ma beda jdur hu kellu jzomm 'a proper lookout' ghal kull traffiku, inkluz dak li seta' kien gejn minn warajh. Apparentement, fil-kaz in ezami, l-appellant ma kienx ha dawk il-prekawzjonijiet kollha mehtiega qabel ma beda jdur.

Minkejja dan kollu li ntqal, izda, hi l-fehma ta' din il-Qorti li f'dan il-kaz, anke is-sewwieq tal-mutur Lawrence Caruana ghandu jerfa' certa responsabilita' ghal dan l-incident. Jirrizulta li biex jaqbez lill-appellant, hu mar oltre il-linja medjana tat-triq. Dan ifisser li jew ma kienx attent bizzejjed ghat-traffiku ta' quddiemu (ma kienx qed izomm 'a proper lookout' minn naha tieghu), jew naqas li jissorpassa minn max-xellug tal-vettura ta' l-appellant, kif kellu jaghmel. Certament, ghalhekk, hemm livell sewwa ta' negligenza kontributorja da parti ta' Lawrence Caruana. Dan, pero', bhal ma dejjem gie ritenut, ma jnaqqas xejn mir-responsabilita' kriminali ta' l-appellant. Din ic-cirkostanza tan-negligenza kontributorja ta' Lawrence Caruana tigi kunsidrata biss meta l-Qorti tara x'piena ghandha tinfliggi.

Hu f'dan is-sens limitat li din il-Qorti taqbel ma' l-appellant li l-apprezzament tal-provi li sar mill-ewwel Qorti kien wiehed inkomplet. L-apprezzament tal-provi li sar mill-ewwel Qorti ma kienx wiehed hazin, anzi din il-Qorti taqbel ma' dak l-apprezzament, izda jidhrilha li dik il-Qorti ma kienetx hadet in kunsiderazzjoni dan l-element tal-negligenza kontributorja. Qalghet biss li s-sewqan ta' l-appellant ma kienx wiehed perikoluz. Ghalhekk kien apprezzament inkomplet tal-provi. U hu f'dan is-sens li din il-Qorti, ghalhekk, sejra tirriforma s-sentenza appellata ghal dik li hija l-piena biss.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qed tiddisponi mill-appell ta'Ivan Vella billi tikkonferma s-sentenza appellata fil-parti fejn sabet u ddikjarat htija fl-appellant kif ukoll fil-parti tal-piena fejn ikkundannatu ghall-mitt lira Maltin (Lm100) Multa, u tirrevokaha w thassarha f'dik il-parti fejn skwalifikatu minn kull licenzja tas-sewqan ghal tmin (8) tijiem.

Aldo Testone

Deputat Registratur